# Id-drittijiet fundamentali tat-tfal spostjati fl-UE kawża tal-gwerra ta' aggressjoni Russa

**Malta**

**Ġunju 2023**

Il-kuntrattur: aditus foundation

L-awtriċi: Carla Camilleri

**Dikjarazzjoni**

Dan id-dokument ġie kkummissjonat b'kuntratt mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) bħala materjal ta' sfond għall-proġett 'Id-drittijiet fundamentali tat-tfal spostjati fl-UE kawża tal-gwerra ta' aggressjoni Russa'. L-informazzjoni u l-fehmiet espressi f'dan id-dokument mhux neċessarjament jirriflettu l-fehmiet jew il-pożizzjoni uffiċjali tal-FRA. Dan id-dokument huwa disponibbli pubblikament għal għanijiet ta' trasparenza u informazzjoni biss u ma jikkostitwixxi ebda parir legali jew opinjoni legali.

Werrej


1. Tfal maħruba mill-Ukrajna 3

1.1. Data fuq tfal maħruba mill-Ukrajna 3

2. Ħarsien tat-tfal – il-qafas legali u politiku u l-proċeduri fis-seħħ 5

2.1. Ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet inkarigati mill-ħarsien tat-tfal 5

2.1.1. Tfal individwali, inkluż tfal mhux akkumpanjati u separati mill-familji tagħhom 5

2.1.2. Tfal evakwati minn istituzzjonijiet Ukreni 8

3. Kustodja/arranġamenti ta’ rappreżentazzjoni legali għal tfal maħruba mill-Ukrajna mhux akkumpanjati jew separati mill-familja tagħhom 9

3.1. Tfal li jaslu mhux akkumpanjati 9

3.2. Tfal li jaslu mingħajr il-ġenituri, iżda ma’ qrabathom, ġirien jew ħbieb tal-familja 11

3.3. Tfal li jaslu fi ħdan grupp, minn istituzzjoni Ukrena jew familji addottivi (b’kustodju legali maħtur jew mingħajr) 12

3.4. Tfal li jaslu fi ħdan grupp, permezz ta’ inizjattivi privati bħal klabbs tal-futbol (b’kustodju legali maħtur jew mingħajr) 12

4. Informazzjoni u sfidi prattiċi fl-aċċess għal servizzi bażiċi għal tfal maħruba mill-Ukrajna 13

4.1. Informazzjoni ġenerali u sfidi 13

4.2. Sfidi għal tfal b’riskji/żvantaġġi multipli 15

5. Il-politiki fis-seħħ 16

5.1. Pjan ta’ azzjoni ddedikat/ jew miżuri integrati 16

5.2. Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal 16

5.3. Il-baġit 17

# 1. Tfal maħruba mill-Ukrajna

## 1.1. Data fuq tfal maħruba mill-Ukrajna

**Tabella Nru 1: Tfal maħruba mill-Ukrajna**

| Il-kategorija tat-tfal | Sistema ta' reġistrazzjoni | L-ammont ta' tfal (diżaggregat kemm jista' jkun)<br>(as of 30th April 2023) |
|---|---|---|
| L-ammont totali tat-tfal | Iva | 578 |
| Tfal akkumpanjati minn omm, missier jew kustodju legali ieħor | Iva | Total ta' Tfal bi Protezzjoni Temporanja: 560<br>Bniet: 293 Subien: 267<br><br>Total ta' Tfal bi Protezzjoni Internazzjonali: 11<br>Bniet: 6 Subien: 5<br><br>It-tfal ta' hawn fuq kollha kienu ċittadini Ukreni. |
| Tfal li jaslu mingħajr ġenituri, imma ma' membri oħra tal-familja, ġirien jew ħbieb tal-familja | Le | Mhux applikabbli |
| Tfal li waslu mhux akkumpanjati | Iva | 7 maskili, li kollha ngħataw protezzjoni temporanja. Kollha huma ċittadini Ukreni. |
| Tfal li waslu fi ħdan grupp ta' tfal oħra, f'evakwazzjoni organizzata minn istituzzjonijiet Ukreni jew familji addottivi (b'kustodju legali maħtur jew mingħajr) | Le | Mhux applikabbli |
| Tfal li waslu fi ħdan grupp ta' tfal, permezz ta' inizjattivi privati, bħal permezz ta' klabb tal-futbol (b'kustodju legali maħtur jew mingħajr) | Le | Mhux applikabbli |

*Sors:* L-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali, Malta, il-15 ta' Ġunju 2023.

L-Aġenżija għall-Protezzjoni Internazzjonali żżomm reġistru ta' kull individwu li ngħata protezzjoni internazzjonali u protezzjoni temporanja. Madankollu, ta' min jgħid li l-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali ma żżommx data ta' persuni li tqiesu ineliġibbli għal protezzjoni temporanja li iżda ma ngħatawx raġuni għal din iċ-ċaħda bil-miktub[1]. Id-data li l-Aġenzija tipprovdi ma tinkludix Ukreni, lanqas tfal Ukreni li ma avviċinawx lill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali u dawk li tteħditilhom lura l-protezzjoni temporanja, dawk li ġew miċħuda minn protezzjoni internazzjonali jew dawk li ttieħdet deċiżjoni fuqhom skont ir-Regolament ta' Dublin.

[1] ECRE, aditus foundation, Anness fuq Protezzjoni Temporanja tad-Database ta' Informazzjoni dwar l-Ażil Rapport fuq il-Pajjiż: Malta 2022 Aġġornament, April tal-2023. L-informazzjoni hija mogħtija mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali wara talba għal informazzjoni li saret fil-15 ta' Ġunju 2023.

# 2. Ħarsien tat-tfal – il-qafas legali u politiku u l-proċeduri fis-seħħ

## 2.1. Ir-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet inkarigati mill-ħarsien tat-tfal

Is-servizzi ta' ħarsien tat-tfal kollha residenti f'Malta huma r-responsabbiltà tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Minuri[2] (CPS) u d-Direttorat tal-Kura Alternattiva[3] (DAV), u jaqgħu taħt l-ambitu tal-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali. L-Agency for the Welfare of Asylum Seekers[4] (AWAS) hija l-aġenzija governattiva inkarigata mill-akkoljenza u l-benessri tal-persuni kollha li qed ifittxu l-ażil f'Malta, kif ukoll mill-appoġġ marbut ma' familji u tfal mhux akkumpanjati jew separati mill-familji tagħhom.

### 2.1.1. Tfal individwali, inkluż tfal mhux akkumpanjati u separati mill-familji tagħhom

Ta' min jgħid li sa Ġunju tal-2023 ma kien hemm ebda każ ta' tfal Ukreni mhux akkumpanjati li għalihom inbdiet applikazzjoni għal ordni għall-ħarsien. Il-każijiet kollha li ġew innotifikati lis-CPS ippreżentaw id-dokumentazzjoni neċessarja li kkonfermaw li t-tfal kienu akkumpanjati minn persuna bil-permess tal-ġenituri tat-tfal[5].

It-tfal mhux akkumpanjati u separati mill-familji tagħhom ta' kwalunkwe nazzjonalità li mal-wasla jew waqt il-proċedura tal-applikazzjoni jiddikjaraw ruħhom bħala tfal iridu jiġu referuti lill-AWAS għal assessjar tal-età, anke jekk għandhom dokumenti li jikkonfermaw l-età tagħhom[6]. Kull persuna li jkollha kuntatt ma' individwu li jistqarr li qed ifittex ażil hija obbligata li tirreferi lil dan l-individwu ma' Uffiċjal Prinċipali tal-Immigrazzjoni, li dan min-naħa tiegħu obbligat li jinnotifika lis-CPS. Għandu jkun innutat

---

[2] Website tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal.

[3] Website tad-Direttorat tal-Kura Alternattiva.

[4] Website tal-Agency for the Welfare of Asylum Seekers.

[5] Informazzjoni mogħtija minn rappreżentant tad-Direttorat għall-Ħarsien tal-Minuri fid-19 ta' Ġunju 2023.

[6] Artiklu 13 tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, KAP. 420 tal-Liġijiet ta' Malta.

li f'każ ta' persuni li skont l-AWAS jidhru li huma taħt l-età ta' 14-il sena, l-assessjar tal-vulnerabbiltà tagħhom jibda immedjatament mal-wasla tat-tim tal-assessjar tal-AWAS[7].

It-tfal li jidhru li huma taħt l-età ta' 14-il sena u t-tfal ikkonfermati li huma taħt din l-età biss jingħataw ordni għall-ħarsien u akkomodazzjoni f'ċentru tal-akkoljenza mmexxi mill-AWAS li huwa xieraq u liċenzjat biex jipprovdi akkomodazzjoni alternattiva għat-tfal[8]. Tfal mhux akkumpanjati li għandhom aktar minn 16-il sena jistgħu jingħataw akkomodazzjoni f'ċentri ta' akkomodazzjoni għal persuni li qed ifittxu ażil adulti[9] u għalhekk jingħaqdu ma' adulti li ma għandhom ebda rabta familjari magħhom, ħafna drabi fil-Villaġġ tat-Tined ta' Ħal Far, li mhux illiċenzajt biex jipprovdi akkomodazzjoni alternattiva għat-tfal.

Dawk li jistqarru li huma tfal, imma li fl-opinjoni tal-AWAS ma jidhrux li huma taħt l-età ta' 14-il sena u li l-assessjar inizjali tagħhom għadu inkonkluživ, jiġu rreferuti għal testijiet oħrajn[10]. Minkejja li jista' jkun li tkun inħarġet ordni għall-ħarsien provviżorja, tfal mhux akkumpanjati li l-pajjiżi ta' oriġni tagħhom ikun tali li jagħmel ir-ritorn tagħhom lejn l-istess pajjiż fattibbli, ġeneralment jinżammu taħt detenzjoni sakemm tiġi assessjata l-età tagħhom u l-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni[11].

Ġaladarba s-CPS tiġi nnotifikata bil-wasla ta' tfal mhux akkumpanjati, din għandha 72 siegħa biex tirreġistra u toħroġ dokument ta' identifikazzjoni għal dawk it-tfal[12]. Waqt li s-CPS tkun qed taqdi dmirijietha, hija obbligata li titlob l-kooperazzjoni tal-AWAS u tista' wkoll tiddelega dmirijietha lill-AWAS. Eżatt wara r-reġistrazzjoni ta' dawn it-tfal, is-CPS trid titlob lill-Qorti tal-Minorenni biex tipprovdi kwalunkwe ordni ta' protezzjoni provviżorja fi żmien 48 siegħa[13] marbuta mal-ħarsien u l-kustodja tat-tfal, u li tinkludi l-ħatra ta' rappreżentant biex jassisti lit-tfal fuq proċeduri marbuta mal-ażil. Ħafna darbi, l-ordni għall-ħarsien taħtar lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-AWAS bħala l-kustodju legali tat-tfal,

---

[7] ECRE, aditus foundation, Database ta' Informazzjoni dwar l-Ażil, Rapport fuq il-Pajjiż: Malta 2022 Aġġornament, April tal-2023.

[8] Ibid.

[9] Regolament 15 tar-Regolament dwar l-Akkoljenza ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 420.46.

[10] ECRE, aditus foundation, Database ta' Informazzjoni dwar l-Ażil, Rapport fuq il-Pajjiż: Malta 2022 Aġġornament, April tal-2023.

[11] Ibid.

[12] Artiklu 21 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), KAP 602 tal-Liġijiet ta' Malta.

[13] Artikli 18(3) u 21(3) Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), KAP 602 tal-Liġijiet ta' Malta.

u dawn spiss jitpoġġew taħt il-ħarsien ta' assistenti soċjali tal-Unità tal-Protezzjoni tal-UMAs tal-AWAS[14].

Wara l-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni provviżjorja, is-CPS tirreferi lit-tfal għand it-tim ta' assessjar tal-AWAS sabiex dan jeżamina jekk l-individwu huwiex akkumpanjat u biex jipprova jittraċċa xi membri tal-familja. Ġie nnutat li l-proċeduri ta' assessjar tal-età għandhom għadd ta' nuqqasijiet, fosthom li l-AWAS għandha kunflitt ta' interess minħabba li bħala entità tieħu r-rwol kemm ta' gwardjan kif ukoll ta' assessur tat-tfal[15]. Wara li t-tim tal-AWAS jiddetermina li t-tfal verament mhumiex akkumpanjati, is-CPS obbligata biex titlob lill-Qorti tal-Minorenni għall-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni u biex mal-applikazzjoni tipprepara fajl ta' pjan ta' ħarsien. Il-Qorti, meta tkun sodisfatta li t-tfal mhumiex akkumpanjati u li l-pjan ta' ħarsien huwa xieraq, trid tawtorizza l-ordni ta' protezzjoni u tista' timponi kwalunwe kundizzjoni oħra, inkluż li tafda lit-tfal mal-AWAS. Dan il-proċess jista' jsir mingħajr il-bżonn ta' seduta. L-ordni ta' protezzjoni tibqa' fis-seħħ sakemm it-tifel jew tifla jagħlqu tmintax-il sena[16].

Jekk il-Qorti ma tkunx sodisfatta li l-individwu mhuwiex akkumpanjat jew li l-pjan ta' ħarsien huwa xieraq, tista' ssejjaħ seduta u kuraturi biex jirrappreżentaw lill-ġenituri tat-tifel jew tifla. Il-Qorti tisma' l-evidenza minn dawk li qed jieħdu ħsieb u li għandhom il-kustodja tat-tifel jew tifla, il-kuraturi u kwalunkwe persuna oħra li tqis li hija propizja. Wara, il-Qorti tista' toħroġ ordni ta' protezzjoni li tafda l-ħarsien u l-kustodja tat-tifel jew tifla lill-AWAS jew kwalunkwe awtorità jew entità oħra u trid tirreferi l-każ lill-Bord tar-Reviżjoni għal reviżjoni. Fil-każ fejn il-pjan ta' ħarsien jippermetti r-rilokazzjoni tat-tifel jew tifla, is-CPS trid titlob lill-Qorti biex tirrevoka l-ordni ta' protezzjoni u tawtorizza r-rilokazzjoni jew tirreferi l-każ lill-Bord tar-Reviżjoni għal reviżjoni[17].

Ir-Regolamenti tal-Protezzjoni Temporanja għal Persuni Spostati (skont l-Istandards Minimi)[18] jittrasponu d-Direttiva għal Protezzjoni Temporanja[19], jitolbu li l-Uffiċjal

[14] ECRE, aditus foundation, Database ta' Informazzjoni dwar l-Ażil, Rapport fuq il-Pajjiż: Malta 2022 Aġġornament, April tal-2023.

[15] Ibid.

[16] Artikli 21(3) - (6) tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), KAP 602 tal-Liġijiet ta' Malta.

[17] Artikli 21(7) - (8) tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), KAP 602 tal-Liġijiet ta' Malta.

[18] Regolament 17 tar-Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni Temporanja ta' Rifuġjati, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 420.05.

[19] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u

Eżekuttiv tal-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali (IPA) jieħu miżuri biex jiżgura rappreżentazzjoni neċessarja għat-tfal li qed igawdu minn protezzjoni temporanja permezz ta' kustodju legali jew organizzazzjoni responsabbli mill-ħarsien tat-tfal. L-IPA trid tiżgura wkoll li ttieħdu l-passi kollha neċessarji għat-tqegħid tat-tifel jew tifla, skont konsultazzjoni ma' persuna jew persuni adulti konċernati, li jqisu wkoll l-opinjoni tat-tifel jew tifla skont l-età u l-maturità tagħhom.

Madankollu, kif intqal qabel, ebda tifel jew tifla li waslu mill-Ukrajna ma nħarġilhom ordni għall-ħarsien jew kustodju legali, minħabba li dawk li waslu mingħajr il-ġenituri tagħhom, kollha kellhom id-dokumentazzjoni neċessarja li tikkonferma li kienu qed jivvjaġġaw ma' adult bil-permess tal-ġenituri tagħhom[20].

## 2.1.2. Tfal evakwati minn istituzzjonijiet Ukreni

Ma hemm ebda dispożizzjonijiet legali jew politiki marbuta ma' tfal evakwati minn istituzzjonijiet Ukreni, għalhekk għal dawn japplikaw id-dispożizzjonijiet imsemmija f'paragrafu 2.1.1.

dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn.

[20] Informazzjoni mogħtija mid-Direttorat tal-Protezzjoni tal-Minuri fid-19 ta' Ġunju 2023.

# 3. Kustodja/arranġamenti ta' rappreżentazzjoni legali għal tfal maħruba mill-Ukrajna mhux akkumpanjati jew separati mill-familja tagħhom

## 3.1. Tfal li jaslu mhux akkumpanjati

Mal-applikazzjoni ta' ordni għall-ħarsien provviżorja mis-CPS, il-Qorti tal-Minorenni tafda persuna jew entità bil-ħarsien u l-kustodja tat-tifel jew tifla[21]. Is-CPS obbligata li taħtar rappreżentant biex jassisti lit-tifel jew tifla fil-proċeduri biex japplikaw għal protezzjoni internazzjonali skont l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali.

Il-persuna responsabbli li tassisti u tappoġġja lit-tifel jew tifla obbligata li:

(a) tidentifika l-persuni jew l-entitajiet li jistgħu jkunu involuti fil-ħarsien, il-kustodja u l-protezzjoni tat-tifel jew tifla;
(b) tikkoordina l-isforzi ta' dawn il-persuni jew entitajiet kif identifikati minnhom;
(ċ) tiżgura li t-tifel jew tifla jingħataw ħarsien, akkomodazzjoni, edukazzjoni u kura medika, u tiżgura wkoll li kemm jista' jkun possibbli t-tifel jew tifla ma jitpoġġewx f'detenzjoni jew f'akkomodazzjoni ma' persuni oħrajn li mhumiex tfal;
(d) tiżgura li t-tifel jew tifla għandhom rappreżentazzjoni legali u ġudizzjarja xierqa flimkien ma' assistenza rigward applikazzjonijiet għal status residenzjali, ażil, u kwalunkwe proċedura legali jew amministrattiva oħra;
(e) tiżgura li d-deċiżjoni kollha li jittieħdu għat-tifel jew tifla jsiru fl-aħjar interessi tagħhom;
(f) tressaq l-opinjonijiet tat-tifel jew tifla fi kwalunkwe qorti jew awtorità amministrattiva;
(ġ) tipprovdi spjegazzjonijiet lit-tifel jew tifla dwar il-proċeduri li għaddejjin kif ukoll kwalunkwe informazzjoni relevanti oħra; u
(g) takkumpanja u/jew tirrappreżenta lit-tifel jew tifla matul il-proċess ta' assessjar tal-età.

[21] Artiklu 21 tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), KAP 602 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'dan l-istadju, normalment il-Qorti taħtar lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-AWAS bħala l-kustodju legali tat-tifel jew tifla li jitpoġġew taħt il-ħarsien tal-assistenti soċjali tal-UAMs tal-Unità tal-Protezjoni tal-AWAS[22]. Il-kustodju legali jieħu r-rwol ta' rappreżentat tat-tifel jew tifla mhux akkumpanjati fil-proċeduri ta' ażil bil-għan li jiżgura l-aħjar interessi tat-tifel jew tifla u li jeżerċita kapaċità legali għalihom fejn ikun neċessarju[23].

Ġaladarba l-proċedura ta' assessjar tal-età tiddetermina li t-tifel jew tifla huma minorenni u li l-pjan ta' ħarsien huwa xieraq, il-Qorti, fil-ħruġ ta' ordni għall-ħarsien timponi l-kundizzjonijiet li tħoss li huma xierqa, inkluż li tafda lit-tifla jew tifla fil-ħarsien u l-kustodja tal-AWAS. Din il-proċedura teħtieġ li sseħħ permezz ta' seduta.

Wara 30 jum mindu tkun inħarġet l-ordni għall-ħarsien, it-tifel jew tifla jiġu assistiti u rrappreżentati mill-AWAS matul il-fażijiet kollha tal-proċedura tal-ażil, inkluż il-preparazzjoni għall-intervista. Jekk il-kustodju legali jħoss li t-tifel jew tifla għandhom bżonn il-protezzjoni, permezz tal-assistenti soċjali tal-AWAS jista' jippreżenta applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali f'isimhom[24]

It-tfal mhux akkumpanjati huma intitolati għal rappreżentazzjoni legali b'xejn kif ukoll assistenza għal appelli li jirrigwardjaw il-proċedura tal-ażil tagħhom jew il-proċedura tal-assessjar tal-età tagħhom[25].

Ir-Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni Temporanja ta' Persuni Spostati[26] tippermetti lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-IPA biex jiżgura li t-tfal mhux akkumpanjati jiġu rrappreżentati minn kustodju legali jew minn persuna oħra xierqa. Ir-Regolamenti jippermettu wkoll li matul il-perjodu li fih it-tifel jew tifla huma kopruti bi protezzjoni temporanja, dawn jitpoġġew ma' qrabathom adulti, ma' familja addottiva, f'ċentri ta'

[22] EECRE, aditus foundation, Database ta' Informazzjoni dwar l-Ażil, Rapport fuq il-Pajjiż: Malta 2022 Aġġornament, April tal-2023.

[23] Regolament 3(1) u Regolamenti dwar l-Istandards ta' Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali, Leġiżlazzjoni Sussidjarja L.S. 420.07.

[24] Regolament 5(1) u Regolamenti dwar l-Istandards ta' Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali, Leġiżlazzjoni Sussidjarja L.S. 420.07.

[25] Ibid, u Regolament 16(1) tar-Reglolamenti dwar l-Akkoljenza ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 420.46.

[26] Regolament 17 tar-Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni Temporanja ta' Rifuġjati, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 420.05.

akkoljenza bi provvedimenti speċjali għat-tfal, jew ma' persuna li ħadet ħsiebhom waqt il-ħarba tagħhom.

## 3.2. Tfal li jaslu mingħajr il-ġenituri, iżda ma' qrabathom, ġirien jew ħbieb tal-familja

Il-Qorti tal-Minorenni, permezz tal-ħruġ ta' ordnijiet għall-ħarsien u l-assenjament ta' responsabbiltajiet tal-ġenituri skont applikazzjoni mis-CPS, hija obbligata li tippreferi lill-familja tat-tifel jew tifla, sakemm il-Qorti ma tiddeċidix li dan huwa raġonevolment ċar li jmur kontra l-aħjar interessi tat-tfal[27].

Madankollu, għandu jkun innutat li l-ħarsien u l-kustodja jistgħu jiġu afdati lil membri tal-familja li huma diġà preżenti f'Malta. Dan f'każ li l-Qorti tħoss li huwa fl-aħjar interessi tat-tfal[28]. Fil-fatt, ir-Regolament Proċedurali jippermetti li tifel jew tifla mhux akkumpanjati jiġu afdati jew ma' qrabathom adulti jew ma' familja addottiva[29].

Ir-Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni Temporanja ta' Persuni Spostati[30] tippermetti lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-IPA biex jiżgura li t-tfal mhux akkumpanjati jiġu rrappreżentati minn kustodju legali jew minn persuna oħra xierqa. Ir-Regolamenti jippermettu wkoll li matul il-perjodu li fih it-tifel jew tifla huma kopruti bi protezzjoni temporanja, dawn jitpoġġew ma' qraba adulti, ma' familja addottiva, f'ċentri ta' akkoljenza bi provvedimenti speċjali għat-tfal, jew ma' persuna li ħadet ħsiebhom waqt il-ħarba tagħhom.

[27] Artiklu 19(4) tal-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri (Ħarsien Alternattiv), KAP 602 tal-Liġijiet ta' Malta.

[28] Informazzjoni mogħtija minn rappreżentant ta' NGO li toffri assistenza legali lil immigranti u persuni li qed ifittxu ażil fis-16 ta' Ġunju 2023.

[29] Regolament 18(3) u Regolamenti dwar l-Istandards ta' Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali, Leġiżlazzjoni Sussidjarja L.S. 420.07.

[30] Regolament 17 tar-Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni Temporanja ta' Rifuġjati, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 420.05.

## 3.3. Tfal li jaslu fi ħdan grupp, minn istituzzjoni Ukrena jew familji addottivi (b'kustodju legali maħtur jew mingħajr)

Sa issa ma kien hemm ebda wasla ta' dan it-tip[31]. Ma hemm ebda provvediment legali speċifiċi jew politiki li jirrigwardjaw tfal li waslu fi gruppi permezz ta' inizjattivi privati. F'dan il-każ huma l-provvedimenti ġenerali msemmija f' paragrafu 3.1 li japplikaw għalihom.

## 3.4. Tfal li jaslu fi ħdan grupp, permezz ta' inizjattivi privati bħal klabbs tal-futbol (b'kustodju legali maħtur jew mingħajr)

Sa issa ma kien hemm ebda wasla ta' gruppi[32] permezz ta' inizjattivi privati. F'dan il-każ huma l-provvedimenti ġenerali msemmija f' paragrafu 3.1 li japplikaw għalihom.

[31] Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali fil-15 ta' Ġunju 2023.

[32] Informazzjoni mogħtija mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali fil-15 ta' Ġunju 2023.

# 4. Informazzjoni u sfidi prattiċi fl-aċċess għal servizzi bażiċi għal tfal maħruba mill-Ukrajna

## 4.1. Informazzjoni ġenerali u sfidi

It-tfal benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjoni u li qed ifittxu l-ażil għandhom aċċess għal edukazzjoni tal-istat bl-istess kundizzjonijiet ta' ċittadini Maltin u huma wkoll intitolati li jirċievu kura medika u s-servizzi tal-istat[33]. It-tfal li jgawdu minn protezzjoni temporanja huma wkoll intitolati għal edukazzjoni tal-istat. Assistenza medika, jew assistenza neċessarja oħra, fosthom appoġġ psikoloġiku[34], jingħataw b'xejn fl-isptarijiet u ċ-ċentri tas-saħħa lil persuni li jgawdu minn protezzjoni temporanja u li għandhom bżonnijiet speċjali, bħalma huma tfal mhux akkumpanjati[35]. It-tilqim, meta jkun neċessarju għal aċċess għall-edukazzjoni, jingħata b'xejn mill-istat, u riferimenti għal appuntamenti mediċi għal tilqim intbagħtu mill-Aġenzija għall-Protezzjoni Internazzjonali[36]. Il-problema ta' nuqqas ta' dokumentazzjoni ta' saħħa tqajmet ukoll bħala kwistjoni u l-awtoritajiet tas-saħħa pubblika ddeċidew li f'każ ta' nuqqas ta' dokumenti ċari, it-tilqim jingħata xorta waħda[37].

Matul il-pandemija tal-COVID-19, il-persuni kollha li waslu mill-Ukrajna kellhom jiġu skrinjati għall-COVID-19 u mard ieħor. Il-persuni kollha li waslu, inkluż it-tfal, li kienu

---

[33] Artiklu 13 tal-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, KAP. 420 tal-Liġijiet ta' Malta, Regolament dwar l-Istandards ta' Proċedura għall-Għoti u l-Irtirar tal-Protezzjoni Internazzjonali, Leġiżlazzjoni Sussidjarja L.S. 420.07, u Regolament 9 tar-Regolamenti dwar l-Akkoljenza ta' Persuni li Jfittxu l-Ażil, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 420.46.

[34] EUAA, Malta Booklet for Ukrainians.

[35] Regolament 14(4) tar-Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni Temporanja ta' Rifuġjati, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 420.05.

[36] EUAA, Malta Booklet for Ukrainians. Assoċjazzjoni Maltija ta' Ġenituri ta' Studenti fi Skejjel tal-Istat (MAPSSS), Schooling for Ukrainian Children Fleeing War.

[37] Kunsill Malti għar-Rifuġjati, Ukraine Info: Updated info re. health issues for persons coming to Malta from Ukraine, 2022.

mlaqqma kienu obbligati li joqogħdu fi kwarantina għal sebat ijiem f'każ, waqt li dawk li ma kinux imlaqqma kellhom joqogħdu fi kwarantina għal 14-il jum[38].

Madankollu, ġie rrappurtat li fil-prattika, l-aċċess għall-edukazzjoni kien diffiċli għal dawk it-tfal li waslu f'nofs is-sena akkademika. Barra minn hekk, it-tfal Ukreni sabu ma' wiċċhom problemi ta' nuqqas ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni ma' skejjel partikolari. Il-Migrant Learners' Unit, unità li taqa' taħt l-ambitu tal-Ministeru tal-Edukazzjoni hija inkarigata mill-inklużjoni ta' studenti li għadhom kif waslu u joffru korsijiet ta' tagħlim tal-lingwi biex jippreparaw lill-immigranti li għadhom kif waslu għall-edukazzjoni ġenerali[39]. Fl-2022, din l-unità żiedet l-isforzi tagħha minħabba ż-żieda sostanzjali ta' wasliet tat-tfal kawża tal-kunflitt fl-Ukrajna[40]. Kwalunkwe tifel jew tifla bi bżonnijiet speċjali ġew ittrattati bl-istess mod li jiġu ttrattati tfal Maltin bi bżonnijiet edukattivi partikolari[41]. Il-Politika Nazzjonali tad-Diżabbiltà tippermetti lil tfal b'diżabbiltà li jaċċessaw edukazzjoni primarja, sekondarja, vokazzjonali u terzjarja daqs tfal li ma għandhomx diżabbiltà. Dan ifisser li l-istudenti kollha b'diżabbiltà jibbenefikaw kemm jista' jkun minn edukazzjonali formali jew mhux formali inkluživa[42].

Sabiex jaċċessaw is-servizzi tas-saħħa, l-Ukreni sabu ma' wiċċhom dewmien twil, diffikultajiet tal-lingwa, nuqqas ta' informazzjoni u servizzi u mediċini bi prezz għoli[43]. Minkejja li ebda sfida sinifikanti ma ġiet irrappurtata, ġew innutati problemi marbuta ma' inaċċessibbiltà minħabba listi twal ta' stennija jew nuqqas ta' speċjalizzazzjoni fis-servizzi tas-saħħa mentali[44].

---

[38] Kunsill Malti għar-Rifuġjati, Ukraine Info: Updated info re. health issues for persons coming to Malta from Ukraine, 2022.

[39] Website tal-Migrant Learner's Unit.

[40] Kunsill Malti għar-Rifuġjati, Ukraine Info: Registering children at the Migrant Learners' Unit, March 2022.

[41] ECRE, aditus foundation, Anness dwar Protezzjoni Temporanja Database ta' Informazzjoni dwar l-Ażil Country Report: Malta 2022 (Aġġornament), April tal-2023.

[42] Ministeru għall-Inklużjoni u l-Kwalità tal-Ħajja, Freedom to Live - Malta's 2021 – 2030 National Strategy on the Rights of Disabled Persons, 2021; Segretarjat Parlamentari għall-Anzjanità Attiva u Persuni b'Diżabbiltà f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà u l-Kumitat Azzjoni Lejn Soċjetà Ġusta, Politika Nazzjonali tad-Diżabbiltà, 2014.

[43] Kunsill Malti għar-Rifuġjati, SOS Malta Survey, 2022.

[44] ECRE, aditus foundation, Anness fuq Protezzjoni Temporanja tad-Database ta' Informazzjoni dwar l-Ażil Rapport fuq il-Pajjiż: Malta 2022 Aġġornament, April tal-2023.

## 4.2. Sfidi għal tfal b'riskji/żvantaġġi multipli

Kemm l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali kif ukoll ir-Regolamenti għal Protezzjoni Temporanja jippermettu lil tfal mhux akkumpanjati bla stat li jkunu intitolati għal protezzjoni sakemm jissodisfaw ċertu rekwiżiti stipulati fil-liġi[45]. Madankollu, għandu jkun innutat li Malta ma għandhiex mekkaniżmu biex tidentifika u tiddetermina l-apolodija u ma għandhiex status ta' protezzjoni għal persuni bla stat[46]. Minkejja li tfal bla stat jistgħu jirregolaw lilhom infushom billi japplikaw għal protezzjoni internazzjonali jew temporanja, xorta waħda jirriskjaw li jibqgħu mhux identifikati u b'riskju ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom.

[45] Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali, KAP. 420 tal-Liġijiet ta' Malta u Regolamenti dwar Standards Minimi għall-Protezzjoni Temporanja ta' Rifuġjati, Leġiżlazzjoni Sussidjarja 420.05.

[46] Indiċi tal-Apolodija, Country Report: Malta, 2022.

# 5. Il-politiki fis-seħħ

## 5.1. Pjan ta' azzjoni ddedikat/ jew miżuri integrati

Ma hemm ebda pjan ta' azzjoni mill-istat jew miżuri integrati li jindirizzaw lit-tfal maħruba mill-Ukrajna.

Fi Frar tal-2022, il-komunità Ukrena f'Malta, permezz tal-għajnuna tal-Konsulat Onorarju tal-Ukrajna waqqfu Ċentru ta' Kriżi tal-Komunità Ukrena[47]. Iċ-ċentru ddedika hotline għal 24 siegħa, li wassal informazzjoni dwar il-wasla f'Malta, regoli dwar il-kwarantina u assistenza prattika matulha, flimkien ma' informazzjoni ġenerali oħra[48].

F'Marzu tal-2022, il-Kunsill Malti għar-Rifuġjati ħeġġeġ lill-gvern biex jikkoordina r-rispons tiegħu lejn rifuġjati Ukreni. Il-Kunsill ħeġġeġ lill-gvern biex taħt l-awspiċi tal-Kumitat tal-Koordinazzjoni Umanitarja magħmul minn rappreżentanti ta' partijiet ikkonċernati relevanti, fosthom aġenziji u dipartimenti tal-gvern, fornituri ta' servizzi, u s-soċjetà ċivili, jaqbel fuq protokolli, linji gwida u proċeduri[49].

## 5.2. Il-Garanzija Ewropea għat-Tfal

Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Garanzija Ewropea għat-Tfal ma ġietx addattat b'mod li jinkludi miżuri li jindirizzaw il-bżonnijiet bażiċi għal protezzjoni u aċċess għal servizz għal tfal maħruba mill-Ukrajna[50].

---

[47] Il-paġna fuq Facebook: Ukrainian Community Crisis Centre.

[48] Malta Refugee Council, Ukraine Info: Ukraine Community Crisis Centre Malta, March 2022.

[49] Kunsill Malti għar-Rifuġjati, Malta needs to coordinate its response to Ukrainian refugees, 21 ta' Marzu 2022.

[50] Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal, Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Garanzija tat-Tfal 2022-2030, 2022.

## 5.3. Il-baġit

Ma hemm ebda baġit speċifiku allokat għal tfal spostati mill-Ukrajna fil-baġit kurrenti tal-2023. Il-baġit għall-2024 għadu ma ġiex ippubblikat[51].

[51] Ministeru għall-Finanzi u x-Xogħol, Il-Baġit 2023, 2022.